**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 576/2014JB

Numru 14

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Eugenio Tabone (K.I.: 150260M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar l-20 ta' Awwissu 2014 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija disgha u hamsin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€459.26). Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 430/2014 u bl-imghaxijiet legali sa mit-13 ta' Marzu, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficcjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-5 ta' Novembru 2014;

Ra li fl-istess seduta it-Tribunal awtorizza li n-notifika ssir bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni stante li sa dak in-nhar il-Konvenut kien ghadu mhux notifikat bl-atti relattivi;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li l-Konvenut ipprezenta risposta fl-20 ta' Frar, 2015 li permezz taghha oppona t-talbiet tas-Socjeta' Attrici billi eccepixxa li s-Socjeta' attric ma esegwitx il-ftehim u ghalhekk japplika l-principju *inademplenti non est ademplendum*;

Ra li fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2015 is-Socjeta' Attrici ddikjarat il-provi taghha bhala maghluqin u l-kawza thalliet ghas-seduta tat-28 ta' April, 2015 ghall-provi kollha tal-konvenut;

Ra li l-konvenut naqas milli jressaq il-provi tieghu kemm fis-seduta tat-28 ta' April, 2015 kif ukoll fis-seduti sussegwenti u cioe' dawk mizmuma fit-13 ta' Mejju, 2015, fit-28 ta' Mejju, 2015, fid-9 ta' Gunju, 2015 u dik mizmuma llum;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li nghata diversi possibilitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu, huwa naqas milli jaghmel dan. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentant taghha Charmaine Wiffen li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €459.26 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mill-4 ta' April 2014 u cioe' l-ewwel data li tirrizulta mill-process tan-notifika tal-ittra ufficcjali. L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali, jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*